Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15792/25

FORETS 127
AGRI 635
ENV 1261
PROCIV 158
FIN 1435

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14614/25
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-finanzjament mill-UE allokat biex jiġu indirizzati n-nirien forestali - Aktar miżuri preventivi, iżda mhux biżżejjed evidenza tar-riżultati u tas-sostenibbiltà għal żmien twil tagħhom" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (17 ta' Novembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-finanzjament mill-UE allokat biex jiġu indirizzati n-nirien forestali - Aktar miżuri preventivi, iżda mhux biżżejjed evidenza tar-riżultati u tas-sostenibbiltà għal żmien twil tagħhom", kif approvati fl-4132 laqgħa tal-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2025.

ANNESS

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Il-finanzjament mill-UE allokat biex jiġu indirizzati n-nirien forestali - Aktar miżuri preventivi, iżda mhux biżżejjed evidenza tar-riżultati u tas-sostenibbiltà għal żmien twil tagħhom"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

(1) FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza[1].

(2) JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 16/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-finanzjament mill-UE allokat biex jiġu indirizzati n-nirien forestali - Aktar miżuri preventivi, iżda mhux biżżejjed evidenza tar-riżultati u tas-sostenibbiltà għal żmien twil tagħhom" u JIRRIKONOXXI r-rakkomandazzjonijiet tagħha.

(3) JINNOTA l-importanza tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u JISTENNA B'INTERESS l-awditu futur tal-QEA dwar il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili.

(4) JINSAB FERM IMĦASSEB U JIDDISPJAĊIH li n-nirien forestali, u n-nirien fis-selvaġġ b'mod ġenerali jkomplu jikkawżaw diżgrazzji umani.

---

[1] 7515/00 + COR 1

(5) JINNOTA bi tħassib l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali negattivi severi tan-nirien forestali madwar l-UE, li l-frekwenza, id-daqs u l-għadd ta' nirien forestali jibqgħu f'livelli għoljin, skont ir-rapport tal-QEA, b'aktar minn elf nar forestali li jseħħu kull sena fl-UE, li jaħarqu medja ta' 353 000 ettaru fis-sena, u li aktar minn 2100 nar forestali diġà ħarqu aktar minn miljun ettaru fl-2025[2].

(6) JIRRIKONOXXI li r-riskju ta' nirien forestali huwa ddeterminat minn kombinazzjoni ta' fatturi esterni (eż. il-ġestjoni tal-art, it-temp, in-nies, it-tibdil fil-klima) u minn fatturi relatati mal-foresti (eż. l-istruttura u l-kundizzjoni tal-foresti, it-topografija, it-tagħbija tal-fjuwil). JISĦAQ FUQ il-fatt li t-tibdil fil-klima żied ir-riskju tan-nirien forestali madwar l-Ewropa.

(7) JENFASIZZA r-rabta bejn l-abbandun tal-art, l-akkumulazzjoni tal-fjuwil u pajsaġġ aktar omoġenju, li jżid ir-riskju tan-nirien fis-selvaġġ u jżid il-frekwenza, id-daqs u s-severità tan-nirien forestali.

(8) JENFASIZZA li l-attività tal-bniedem hija fattur kontribwenti sinifikanti għan-nirien forestali, u JIKKUNSIDRA li s-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-informazzjoni mmirata jistgħu jirrappreżentaw miżuri preventivi ewlenin biex jitnaqqas l-għadd ta' tqabbid u jittaffa r-riskju ta' nirien forestali.

(9) IFAKKAR fil-"Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030"[3] tiegħu li jappellaw lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex issaħħaħ il-ħidma dwar il-ġestjoni tar-riskju relatata mad-diżastri naturali u l-fatturi li jfixklu l-foresti, speċjalment in-nirien fis-selvaġġ, u dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima sabiex jiġi żviluppat approċċ strutturat u integrat.

---

[2] https://joint-research-centre.ec.europa.eu/projects-and-activities/natural-and-man-made-hazards/fires/current-wildfire-situation-europe_en

[3] 13537/21

(10) JAGĦMEL ENFASI FUQ l-importanza ta' pjattaformi effettivi ta' kooperazzjoni u kondiviżjoni tal-esperjenza mal-amministrazzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tal-Istati Membri. JENFASIZZA f'dan ir-rigward il-ħidma li għaddejja ta' FOREST EUROPE, fosthom in-nota ta' politika dwar "It-tnaqqis tar-riskju ta' nirien fis-selvaġġ fl-Ewropa permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti" u l-istabbiliment tal-Faċilità Pan-Ewropea għar-Riskju tal-Foresti (FoRISK).

(11) JAGĦMEL ENFASI FUQ il-ħtieġa għal kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet tal-foresti tal-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili u tan-nirien u s-salvataġġ.

(12) JAGĦMEL ENFASI FUQ l-importanza ta' proċeduri amministrattivi u finanzjarji effiċjenti u simplifikati fil-qafas tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali biex jippermettu appoġġ effiċjenti ta' miżuri legali, f'waqthom u effettivi ta' prevenzjoni u rispons fil-foresti kollha, speċjalment f'żoni affettwati u ta' riskju għoli.

(13) JISSOTTOLINJA r-rwol essenzjali li għandha l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima u fiż-żamma u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom għal diversi riskji, inklużi n-nirien forestali.

(14) JIRRIKONOXXI li r-reżiljenza tal-foresti għan-nirien u l-prevenzjoni tagħhom jistgħu jittejbu, pereżempju permezz ta' governanza tar-riskju xierqa, prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti u attivitajiet ta' ppjanar tal-pajsaġġ, filwaqt li jiġu rikonoxxuti approċċi differenti għal kull wieħed minnhom fil-livell nazzjonali, dak sottonazzjonali u lokali. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA d-diversità u l-ispeċifiċitajiet tal-foresti u l-approċċi għall-ġestjoni tal-foresti fl-Istati Membri u bejniethom.

(15) JIRRIKONOXXI li l-miżuri ta' prevenzjoni tan-nirien fis-selvaġġ għandhom benefiċċji soċjetali u ambjentali wiesgħa f'firxa wiesgħa ta' setturi, fosthom il-protezzjoni tal-bijodiversità.

(16) JILQA' l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u t-tixrid ta' informazzjoni dwar azzjonijiet effettivi relatati man-nirien forestali fost l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar in-Nirien Forestali u fil-Kumitat Forestrarju Permanenti.

(17) JENFASIZZA l-valur ta' riżorsi finanzjarji stabbli, aċċessibbli u suffiċjenti biex jiġu indirizzati n-nirien forestali; Filwaqt LI JENFASIZZA f'dan il-kuntest il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-azzjonijiet iffinanzjati, l-isforzi ta' prevenzjoni, il-ħidma regolari u l-manutenzjoni kontinwa.

(18) JENFASIZZA l-importanza tal-użu effettiv u effiċjenti tal-finanzjament tal-UE biex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Istati Membri relatati man-nirien forestali u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni aktar immirata dwar miżuri eliġibbli biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-użu aħjar tal-opportunitajiet disponibbli.

(19) JENFASIZZA l-importanza taċ-ċiklu tal-ġestjoni tan-nirien forestali, inkluż network adegwat ta' toroq tal-foresti u infrastruttura oħra meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nirien forestali.

(20) JIRRIKONOXXI l-importanza tar-riskju ta' nirien forestali bħala l-kriterju primarju għall-għażla ta' proġetti relatati mal-prevenzjoni tan-nirien forestali.

(21) FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal metodoloġiji effettivi u t-titjib tad-disponibbiltà tad-data għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-miżuri preventivi. JINNOTA li l-Programm Copernicus, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696, jipprovdi aċċess miftuħ u liberu għad-data tal-Osservazzjoni tad-Dinja, fosthom data satellitari li, flimkien ma' data dwar in-nirien forestali mill-Istati Membri, għandha rwol importanti fl-appoġġ għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskju tan-nirien forestali u n-nirien fis-selvaġġ.

(22) JENFASIZZA l-ħtieġa għal indikaturi tal-prestazzjoni li jkopru l-inputs u l-outputs, kif ukoll ir-riżultati u l-impatti, għal proġetti marbuta mal-prevenzjoni tan-nirien forestali, sabiex jiġu evalwati aħjar l-interventi f'diversi livelli u jiġu identifikati opportunitajiet għat-titjib tas-sistema bħala triq 'il quddiem, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri. JENFASIZZA f'dan ir-rigward il-ħtieġa li nibnu fuq l-għodod eżistenti.

(23) JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni joqogħdu attenti għall-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għar-Rapport Speċjali, aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet kollha tagħha u JAPPELLA għall-implimentazzjoni tagħhom bl-involviment tal-Istati Membri u l-atturi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.